**199. Il-Prim Ministru l-Onor. Eddie Fenech Adami jipproponi:-**

Wara li rat l-invit mill-Kapijiet ta' Stat u Gvern tal-pajjiżi membri tan-NATO lill-pajjiżi membri tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa, li jistgħu u li jixtiequ, biex jissieħbu fl-inizjattiva "Partnership for Peace";

Wara li rat li wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' din l-inizjattiva huwa t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam ta' attivitajiet għaż-żamma tal-paċi u ta' attivitajiet umanitarji, taħt l-awtorità tan-Nazzjonijiet Uniti jew tal-OSCE;

Wara li rat li s-sħubija f'din l-inizjattiva tippermetti li Malta ssaħħaħ il-kontribut tagħha għas-sigurtà u l-istabbilità reġjonali, fir-rispett tal-prinċipji u l-għanijiet tal-politika barranija tagħha;

Tirriżolvi li Malta tilqa' l-invit biex tissieħeb fil-"Partnership for Peace".

27.03.1995